MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2010

Talba Numru. 944/2010

**Mobisle Communications Limited (C-24655)**
**vs**
**Stephen Brincat (K.I. 455667M)**

**It-Tribunal**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet hlas ta'tliet mija, tlieta u tmenin ewro u tmienja u hamsin centezmu (€383.58) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lis-socjeta' attrici skont *Client Contract Number* 415680 rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta' attrici u dana bejn is-sena 2007 u s-sena 2009.

Bl-ispejjez, inkluzi tal-ittra ufficjali tat-2 ta' Dicembru, 2009, dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma' dana l-att, u bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax ir-risposta ghalkemm debitament notfikat.

Ra li l-konvenut deher ghas-seduta tat-13 ta' Ottubru, 2010 u taht gurament ammetta t-talba izda xtaq li jhallas l-ammont fit-talba ratejalment.

It-Tribunal jidhirlu li s-socjeta' attrici ippruvat il-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal u jixtieq illi s-socjeta' attrici tiehu in konsiderazzjoni l-fatt li l-konvenut xtaq jhallas l-ammont fit-talba ratejalment.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------